MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 433/2002/1

**Philip Mamo**

**v.**

**Miriam Mamo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan huwa appell intavolat mill-attur Philip Mamo wara sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Mejju, 2005 fi proceduri ta' separazzjoni istitwiti mill-istess

attur fejn ukoll insibu kontro-talba intavolata mill-konvenuta.

Bic-citazzjoni tal-15 ta’ April, 2002 l-attur wara li ppremetta li l-kontendenti zzewgu fit-13 ta’ Settembru, 1984 u mill-imsemmi zwieg kellhom tilef Shawn ta’ 12 il-sena; illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment u bejn il-kontendenti hemm inkompatibilita` ta’ karattru; illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi bl-istanti permezz ta’ digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili datat 15 ta’ Novembru, 2001, l-attur ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal tortijiet u htija unikament imputabbli ghall-konvenuta;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel Shawn f’idejn l-attur fit-termini ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 56 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur ghat-tifel minuri msemmi manteniment skond il-mezzi taghha u l-bzonnijiet tal-minuri fil-modalita` u kundizzjonijiet li jidhrilha opportuni din il-Qorti fit-termini ta’ l-artikolu 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti ta’ l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta in toto jew in parti;
5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti fit-termini ta’ l-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, taqsamha f’zewg partijiet mhux necessarjament ugwali u dan sabiex *ope* sentential (sic) po[r]zjoni tigi assenjata lill-attur u porzjoni ohra lill-konvenuta.

B’nota ipprezentata fil-11 ta’ April, 2003 il-konvenuta eccepiet illi fil-mertu it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi z-zwieg tkisser b’tortijiet imputabbli unikament lill-attur u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza u s-smiegh tal-kontro-talba li giet prezentat[a] kontestwalment.

Fil-kontro-talba tal-konvenuta, apparti fatti gia rilevati fic-citazzjoni attrici, jinghad illi l-attur irrenda ruhu hatja (recte: hati) fil-konfront tal-konvenuta ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi u talli b’ghemilu kisser iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti b’mod irrimedjabbli; u li skond

rapport tas-Social Worker, rikjest mis-Sekond Awla, il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-konvenuta kif effettivament pprovdiet dik l-istess qorti b'digriet tal-4 ta' Frar, 2002 (Digriet Nru. 1679/01); wara dan l-konvenuta rikonvenzjonanti talbet li dik il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet unici ta' l-attur rikonvenzjonat;
2. Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Shawn f'idejn il-konvenuta;
3. Tikkundanna lill-attur ihallasha retta alimentarja ghaliha u ghat-tifel minuri;
4. Tiffissa gurnata minn meta l-attur ta lok ghas-separazzjoni personali;
5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parti kontra l-atturi d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili, *inter alia* d-dekadenza minn kull dritt ta' manteniment u drittijiet necessarji (sic);
6. Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni ezistenti bejn il-kontendenti, tiddividiha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjoni lill-parti u ohra lill-parti ohra u tordna l-pubblikazzjoni tal-atti ta' divizjoni minn Nutar pubbliku nominandi f'data, hin u lok li jigi ffissat ghal dan l-iskop;
7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta l-attur fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva; u
8. Tikkundanna lill-attur sabiex jirrestitwixxi lill-konvenuta l-beni parafernali u dotali u oggetti u flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti mehuda mill-istess attur u fin-nuqqas jigi kundannat ihallas il-valur stabbilit tal-istess oggetti u flus okkorrendo bin-nomina ta' periti.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-11 ta' Mejju, 2005 meta, fir-rigward tat-talba principali tal-attur, gew milqugha l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u, filwaqt li cahdet it-tieni, tielet u raba' talbiet tal-attur, laqghet it-talbiet l-ohra fis-sens kif spjegat

fis-sentenza. Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta gew michuda is-seba’ u t-tmien talbiet taghha u milqugha t-talbiet l-ohra u b’hekk gie li:-

a) Is-separazzjoni personali giet dikjarata li sehhet ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur li kien hati fil-konfront tal-konvenuta ta’ adulterju, sevizzi, eccessi, inkluz vjolenza domestika, theddid u ngurji gravi, b’dan li l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabilment. Gie wkoll iddikjarat li l-attur ta lok ghas-separazzjoni fl-ahhar ta’ Dicembru 2000;

b) Il-kura u kustodja tal-minuri Shawn giet fdata lill-konvenuta, taht il-kondizzjonijiet ta’ access kif jinghad fl-istess sentenza;

c) L-attur gie kundanna ihallas lill-konvenuta bhala manteniment is-somma ta’ LM250 kull erba’ gimghat, u LM100 ohra kull erba’ gimghat ghall-ibnu minuri; liema ammonti ghandhom jinqatghu direttament mill-*employer* ta’ l-attur mill-paga tieghu kull erba’ gimghat bil-quddiem b’effett mid-data tas-sentenza;

d) Il-komunjoni ta’ l-akkwisti giet xolta u diviza kif dettaljat fis-sentenza appellata; u

e) Gew applikati kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kap 16 fl-intier taghhom; u l-ispejjez gew akkollati kollha lill-attur.

**L-appell ta’ l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b’rikors pprezentat fis-27 ta’ Mejju, 2005 talab li din il-Qort tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li **tikkonfermaha** in kwantu jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri Shawn, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili, **tirrevokaha** in kwantu ghar-responsabbilita` tas-separazzjoni personali u in kwantu kkundannat lill-appellant ihallas bhala manteniment lill-martu s-somma ta’ LM250 kull erba’ gimghat u LM100 kull erba’ gimghat ghall-minuri Shawn, kif ukoll in kwantu kkundannatu

ihallas l-ispejjes kollha tal-kaz, billi minflok tordna li l-appellata kienet responsabbli ghas-separazzjoni personali, li minflok jigi ordnat ihallas manteniment ta' LM200 fix-xahar ghall-martu u ghall-minuri Shawn u billi l-appellata tigi ordnata thallas l-ispejjes kollha tal-proceduri kollha, inkluzi dawk ta' din l-istanza.

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2005, Dr. Malcolm Mifsud ghall-appellant, u fil-presenza tal-patrocinat tieghu, iddikjara li kien qieghed jirtira l-ewwel aggravju riferibbilment ghar-responsabbilita` tas-separazzjoni u konformement giet prezentata nota ta' Phlip Mamo li tghid hekk: "*Li biha qed jirtira l-ewwel aggravju ta' l-appell tieghu jigifieri fuq ir-responsabbilita` tas-separazzjoni u qed jirrimetti ruhu fuq l-aggravju dwar l-ispejjes tal-kawza odjerna*."

In vista ta' din in-nota jidher li l-uniku aggravju li baqa' ta' l-attur appellant kontra s-sentenza fuq imsemmija huwa dak koncernanti l-ammontar ta' manteniment li huwa gie kundannat ihallas kull erba' gimghat lill-martu u lill-ibnu minuri. Jkun utili ghalhekk, li f'dan l-istadju, tigi hawn riprodotta dik il-parti tal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel qorti relevanti fir-rigward. Fis-sentenza jinghad hekk:
"Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Joe Barbieri tas-socjeta` Central Cigarettes Company Limited li l-attur huwa mpjegat maghha bhala Quality Assurance Analist u ghandu ntroitu li fis-sena 2003 kien ta' sitt elef u tliet mija u disa' liri Maltin (LM6,309) *gross*, u fis-snin ta' qabel kien anke akbar. Fil-fatt fis-sena 2001 sahansitra kien ta' disat elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (LM9,428) *gross*. Dan apparti li l-attur ghandu diversi beneficcji ohra, bhal *life insurance, insurance* ghal sitt snin paga, *disablement insurance* u *fringe benefits.*

"Illi in vista ta' dan din il-Qorti thoss li l-attur ghandu jhallas bhala manteniment ghall-konvenuta l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) kull erba' gimghat, kif ukoll manteniment ta' mitt lira Maltin (LM100) kull erba' gimghat ghal ibnu minuri, minbarra li jhallas ghall-ispejjes edukattivi tal-minuri, kif ukoll ghal assikurazzjoni tas-sahha li ghandu l-istess minuri."

Dwar dan l-aggravju, fir-rikors ta’ appell qed jigi sottomess is-segwenti:-

“Illi huwa ovvju illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ikkalkolat l-ammont tal-manteniment ghall-appellata u l-minuri Shawn fuq “average” tal-introjtu tal-appellant bejn is-snin 2001 u 2003 (i.e. bejn LM9,428 gross u LM6,309 gross).

“Il-kalkolazzjoni twassal ghal introjtu ta’ LM647 fix-xahar u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti hasset li LM350 manteniment ghall-appellanta u l-minuri minn paga ta’ prattikament LM680 huwa gustifikabbli.

“Hawn, b’din l-istess kalkolazzjoni l-appellant gie aggravat b’mod gravi u ngustifikabbli. L-istess Joe Barbieri, Human Resources Director tas-socjeta` Central Cigarettes Company Limited, fejn huwa mpjegat l-appellant, fix-xhieda tieghu fis-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2004, ta elenku tal-introitu tal-appellant bejn 1998 sat-2004.

| | |
|---|---|
| 1998 - | LM5,823.15 gross (Dok JB1) |
| 1999 - | LM6,478 (Dok JB2) |
| 2000 - | LM8,336 (Dok JB3) |
| 2001 - | LM9,428 (Dok JB4) |
| 2002 - | LM6,751 (Dok JB5) |
| 2003 - | LM6,309 (Dok JB6) |

“L-istess xhud jispjega illi “l-paga bejn 2001, naqset drastikament ghas-snin 2002 u 2003 u dan peress illi kien hemm perjodu li l-kumpannija kienet qed ta[g]hmel certu exports u allura konna qed naghmlu certu overtime u mbaghad l-exports waqfu u ghalhekk overtime mill-inqas li hemm.”

“Illi mad-dokumenti ezebiti minn dan ix-xhud jidher illi fil-fatt m’ghandux overtime, izda z-zieda fil-paga ghal perjodu ta’ sentejn gie gustifikat minn l-ahjar z-zieda fil-paga ghal perjodu ta’ sentejn gie gustifikat minn l-ahjar (sic) persuna u cioe` mill-Human Resources Director.

“Il-bqija l-introitu tal-appellant jidher illi huwa dak bejn LM6,300 u LM6,700 li twassal ghal kalkolazzjoni ta’ xi LM510 gross fix-xahar (i.e. average LM6,500 gross fix-xahar (recte: ‘fis-sena’).

“Jekk imbaghad jigi kkalkolat li prattikament dan l-introitu huwa gross u ghalhekk per konsegwenza ghandha titnaqqas it-taxxa tad-dhul. Bhala ezempju fis-sena 2003, l-ahhar sena li xehed fuqha Joe Barbieri, wara li titnaqqas it-taxxa jidher illi l-appellant kien jircievi xi LM428 fix-xahar (i.e. LM6,309 - LM1,112 = LM5,137/12 = LM428).

“Bil-kalkolazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), fejn l-appellant gie ordnat ihallas LM250 ghall-martu u LM100 kull erba’ gimghat ghall-minuri ihalli LM78 kull erba’ gimghat f’id l-appellant dejjem fuq il-kalkolazzjoni maghmula fuq l-introitu tat-2003.”

Dana skond l-appellant jirriducieh ghall-hajja “bellow the poverty line” meta d-Dipartiment ta’ l-Ghajnuna Socjali jassikura introitu lill-persuna bla impieg ta’ LM50 fil-gimgha.

Gie sosttomess, inoltre, li anke s-Sekonda Awla tal-Qorti Civili fid-digriet taghha tal-15 ta’ Novembru, 2001 akkordat retta alimentarja ta’ LM50 fil-gimgha (cioe` LM30 ghall-konvenuta u LM20 ghall-minuri) meta dak iz-zmien l-introitu tal-attur, skond Joe Barbieri, kien ta’ LM9,428.

Wara dawn il-kostatazzjonijiet ta’ fatt l-appellant ghadda biex ghamel xi sottomissjonijiet ta’ natura legali senjatament dwar l-obbligi tal-genituri vis-à-vis l-ulied billi qed ighid li kemm il-missier u kemm l-omm ghandhom dmir li jmantnu lill-ulied minuri. Dan id-dmir, li jinkombi fuq l-omm ukoll, ghandu jirrifletti fuq l-ammont li jithallas mill-missier u n-nuqqas ta’ impieg tal-mara mhux skuzanti billi din dejjem tista’ tohrog tahdem specjalment meta l-eta tal-minuri (llum ghandu 17 sena) ma jinnecessitax li ommu toqghod id-dar.

B’nota tal-appellant tat-22 ta’ Lulju, 2005 gie pprezentat “statement” tal-introitu tieghu ghax-xahar ta’ Lulju tas-

sena 2005, liema statement juri ukoll li bejn Jannar u Lulju ta' dik is-sena l-attur ippercepixxa paga "*gross*" ammontanti ghal LM3,922.41 li minnha ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' LM359.10 u LM243 dovuti rispettivament bhala kontribuzzjonijiet ghas-sigruta\` nazzjonali u taxxa. B'hekk f'perjodu ta' seba' xhur l-attur gie dahhal is-somma ta' LM3320.31 jew LM474.33 fix-xahar netti. Id-dokument PM1 pprezentat fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2005 juri l-introitu li l-attur ippercepixxa fl-ewwel ghaxar xhur tas-sena 2005 u minn kalkolu ta' din il-Qorti jidher li s-sitwazzjoni ma tantx tbiddlet minn kif kienet f'Lulju. Mentri l-P3 tal-appellant ghas-sena bazi 2004 turi li, wara li tnaqqsu it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet ghas-sigurta\` nazzjonali, l-attur baqalu f'idejh, naturalment minghajr ma wiehed jikkonsidra l-hlasijiet dovuti lill-konvenut skond is-sentenza, is-somma ta' LM492 fix-xahar.

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2005 gie ukoll verbalizzat li l-konvenuta Miriam Mamo qatt ma hadmet matul iz-zwieg, anke fil-mori tal-proceduri ghas-separazzjoni, u li l-minuri Shawn, li llum ghandu 17-il sena la jmur skola u lanqas jahdem.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Il-Kodici Civili taghna, fit-Titolu I fejn jittratta dwar il-Jeddijiet u d-Dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg, jibda biex qabel xejn, jenuzja l-principju ta' l-ugwaljanza tal-konjugi. Din l-ugwaljanza ggib li l-konjugi mhux biss id-dritt li jgawdu jeddijiet indaqs izda timporta dmir fuqhom li wkoll jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Fost id-dmirijiet kontemplati mill-kodici hemm l-obbligu li kull wahda mill-partijiet fiz-zwieg, skond il-mezzi u l-hila taghhom, <u>li jahdmu</u> kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja (Art. 3, Kap. 16). Il-ligi tkompli telabora fuq dawn l-obbligi billi fir-rigward tal-ulied huwa dispost li z-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied.

Jidher ghalhekk li d-dmir li jigi somministrat manteniment kemm lill-parti l-ohra fiz-zwieg, kemm lill-ulied imwielda minn dik l-ghaqda, ghalkemm huwa wiehed tassattiv, irid dejjem jigi applikat f'retroxena tal-kuncett ta' l-ugwaljanza bejn il-konjugi. Dan billi ma jaghmel ebda sens legali li taghti lill-konjugi ugwaljanza ta' drittijiet jekk dawn id-drittijiet ma jissarfux fl-ispartizzjoni b'mod ugwali tal-obbligi naxxenti miz-zwieg.

Huwa minnu li l-attur instab hati li wassal ghall-firda ta' bejn il-kontendenti sew minhabba adulterju (Art. 38) kif ukoll minhabba eccessi, mohqrija etc. (Art. 40) u li, bhala konsegwenza, tilef il-jedd li jgieghel lill-parti l-ohra, li taghtih manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg (Art. 48 (d)) kif korrettament ipprovdiet l-ewwel Qorti fil-parti konkluziva tas-sentenza. Dan pero` ma jfissirx li l-principju enuncjat fl-Artikolu 46A tal-Kap. 16, u cioe` li l-manteniment ghandu dejjem jirrifletti il-bzonnijiet tal-parti li tippercepih u <u>l-mezzi</u> tal-parti l-ohra li tkun qed thallas dan il-manteniment, ghandu jigi mwarrab.

Issa, kif sewwa gie rilevat mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellata qatt ma qajmet xi kwistjoni dwar l-insufficjenza tal-manteniment li kien gie akkordat lilha <u>pendente lite</u>, u li kien qed jithallas mill-attur, a tenur tad-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili.  Pero` din ic-cirkostanza hija fil-verita` rrelevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-manteniment definittiv (cioe`, mhux <u>pendente lite</u>) li ghandu jithallas.

Jidher li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ma ghamlitx konsiderazzjonijiet korretti dwar mezzi u bzonnijiet biex waslet ghall-ammont li eventwalment illikwidat bhala manteniment. Lanqas ma ghamlet xi riflessjoni fuq id-dmir ta' l-omm versu l-minuri.  Meta wiehed jikkonsidra li bit-tehid tas-somma ta' LM350 kull erba' gimghat l-attur ser jibqalu ammont zghir hafna biex jghix huwa stess, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-ammont hu ftit, kif jinghad bl-Ingliz, "on the high side", tenut kont tal-introitu "nett" li ghandu l-istess attur.

Din il-Qorti ghalhekk qeghda tirriduci l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas mill-attur lill-martu ghas-somma ta' mitejn lira (LM200) kull erba' gimghat u ghas-somma ta' tmenin lira (LM80) kull erba' gimghat ghall-minuri Shawn u, fil-kaz ta' dan, sa kemm jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qort qeghdha tilqa' l-appell <u>limitatament</u> fuq l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas mill-attur billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-attur ghandu jhallas bhala manteniment lill-konvenuta martu s-somma ta' mitejn lira Maltin (LM200) kull erba' gimghat u ihallas ukoll lill-konvenuta bhala manteniment ghall-minuri Shawn is-somma ta' tmenin lira maltin (LM80) kull erba' gimghat, liema ammonti ghandhom jinqaghtu direttament mill-paga tal-attur u jithallsu kif provvdut fl-istess sentenza; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Dwar l-ispejjes ta' l-ewwel istanza din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghanda tiddisturba d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti; u dwar l-ispejjez ta' dana l-appell, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u senjatament tal-fatt li kien l-attur li jahti b'mod determinanti ghall-firda bejn il-partijiet, dawn l-ispejjez ghandhom ukoll jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------